MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 912/2006

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Rene Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta` Ottubru, 2006, fejn gie mitlub li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` tlett mija u tmienja u tmenin lira u erbatax il centezmu (Lm388.14) rapprezentanti kontijiet li ghadhom dovuta fuq mobile phone bin-numru 99868682.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghal istess talba.

Ra wkoll li l-konvenut ghalkemm imsejjah tlett darbiet baqa` ma deherx ghas-seduta ta` llum.

Sema` ix-xhieda tad-Dottoressa Nadia Vella li bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont mitlub f`dina l-kawza kien ghadu dovut sal-gurnata ta` llum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` it-talba attrici konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lil istess socjeta` attrici s-somma mitluba ta` tlett mija u tmienja u tmenin lira u erbghatax il centezmu (Lm388.14) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza w bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------